# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn 6 ta' Lulju, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 619/20TA**

**Martin Farrugia (ID. 500077M)**

**vs**

**Carmelo Farrugia (ID. 501747M) u Matilde Farrugia (ID. 205046M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Martin Farrugia tal-1 ta' Ġunju 2020;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ġunju 2020 fejn fost oħrajn ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni provviżorju;

Rat ir-risposta ta' Carmelo u Matilde konjugi Farrugia;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-proċeduri;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti eżaminat il-provi li tressqu f'dawn il-proċeduri. Ma hemm ebda dubbju li l-konvenju tal-31 ta' Mejju 2018 għadu fis-seħħ.

Dan qed jingħad għaliex fir-risposta tagħhom l-intimati jinsistu li r-rikorrent aċċetta u fil-fatt ġie meħlus mill-obbligi tiegħu naxxenti mill-konvenju inkwistjoni. Pero' din l-asserzjoni, ai fini ta' dawn il-proċeduri ma ġietx ipprovata. La hemm xi xorta ta' skrittura li tissufraga din l-asserzjoni u l-intimati ma għażlux li tal-inqas jixhdu dwar dan il-fatt, meta kellhom kull opportunita'.

Dawn il-Qrati dejjem irritenew li l-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta', disaġju jew tħassib [ara **digriet – Qorti tal-Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et" (Kolleż. Vol: LXXIX.iv.1387**)]. Minn dak li rat din il-Qorti dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma hux sempliċiment disaġju. Tajjeb jew ħażin il-Konvenju fuq imsemmi għadu fis-seħħ u fuq ammissjoni tal-intimati stess fir-risposta tagħhom jgħidu li kienu fin-negozju ma' terzi. Għalhekk huwa ċar li r-rikorrent għandu *prima facie* jedd x'jittutela.

Fl-aħħar nett irid jingħad li l-mandat qed jintalab li jinħareġ taħt artikolu 874. Dan jirrisulta anke mill-formula utilizzata. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti: Fl-ewwel sub-artiklu ta' dan l-artiklu l-liġi tgħid li "Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll….". Dan ma jfissirx li għalhekk il-Qorti ma hiex prekluża li tiddeklina li tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' mandat fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artiklu 873(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Fil-każ ta' dan ix-xorta ta' mandat ta' inibizzjoni, lill-Qorti dejjem irid jirrisultalha li min ikun qiegħed jitlob li jinħareġ mandat irid jipprova li għandu *prima facie* drittijiet x'jikkawtela. Iżda ġaladarba dan il-mandat qiegħed jintalab abbażi tal-artiklu 874 tal-Kap 12 , dawn il-Qrati jgħallmu li għalkemm l-element tal-*prima facie* huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni ieħor, madanakollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma preċiżament l-istess.

Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak tiżboqx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub ( **ara Deċiżjoni fl-ismijiet Kleaven Maniscalco et -vs- A.X.T Properties Ltd tal-4 ta' Awwissu 2015 per Imħallef Joseph R. Micallef u Provvediment fl-Atti tal-Mandat ta'**

**Inibizzjoni numru 340/2018 tat-3 ta' April 2019 fl-ismijiet LIDL Immobiliare Malta Limited -vs- Qamar u Xemx Ltd per Imħallef Anna Felice**).

Fil-każ odjern, minn dak li semgħet din il-Qorti jirrisulta b'mod ċar li l-pretensjoni tar-rikorrent tiżboq l-ammont minimu rikjest mil-liġi ai fini ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artiklu 874(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Kienet tkun ħaġa oħra li kieku rrisulta li l-pretensjoni tar-rikorrenti ma tiżboqx l-ammont fuq imsemmi.

Di piu', sa fejn jirrigwarda dan il-mandat, il-Qrati tagħna jiddispensaw anke mill-element ta' preġudizzju rrimedjabbli. (Ara **digriet fl-atti tal-mandat numru 1578/2013/1 tal-4 ta' Novembru 2013 per Imħallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Helen Borg pro et -vs- Anthony Pace pro et Prim Awla Qorti Ċivili**). Għalkemm fil-każ odjern l-irrimedjabbilita' tirrisulta anke mill-fatt li jekk l-intimati jilħqu jitrasferixxu l-proprjeta' mertu tal-konvenju u ta' dawn il-proċeduri l-effetti għar-rikorrent ser ikunu irreversibbli u devastanti.

Fl-aħħar nett il-Qorti trid tagħmilha ċara li l-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti huma biss ai fini ta' dawn il-proċeduri. Kwantu għal mertu fis-sustanza tal-pretensjoni dan irid ikun ikkunsidrat u investit minn dik il-Qorti li tiġi hekk adita biex tiddeċiedi dwar il-każ f'kawża appożita. Il-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif

daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti fil-waqt li qed tikkonferma l-ordni tagħha provviżorja tal-1 ta' Ġunju 2020 qegħda tilqa' definittivament it-talbiet kontenuti fir-rikors tar-Rikorrent tal-1 ta' Ġunju 2020 u tordna għalhekk il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra l-intimati biex ma jagħmlux dak mitlub fir-rikors imsemmi.

Il-Qorti qed tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kif ukoll lir-Reġistratur tal-Artijiet biex jagħmlu u jirreġistraw dak li trid minnhom il-liġi.

Spejjes ta' dawn il-proċeduri a' karigu tal-intimati.

**Mogħti kameralment illum 6 ta' Lulju, 2020**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**